# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-11 ta' Ġunju 2013**

**dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni**

(2013/396/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni stess iffissat l-objettiv li żżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, *inter alia*, billi tiffaċilita aċċess għall-ġustizzja, kif ukoll l-objettiv li tassigura livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur.

(2) Xi drabi l-ekonomija moderna toħloq sitwazzjonijiet li fihom għadd kbir ta' persuni jistgħu jġarrbu dannu bl-istess prattiċi illegali relatati mal-ksur tad-drittijiet mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni minn xi negozjant jew negozjanti jew persuni oħra ("sitwazzjoni ta' dannu tal-massa"). Għalhekk jista' jkollhom raġuni li jfittxu t-twaqqif ta' tali prattiċi jew biex jitolbu dannu.

(3) Il-Kummissjoni adottat Green Paper dwar azzjonijiet għad-danni kkawżati minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni fl-2005 ([1]) u White Paper fl-2008, li inkludiet suġġerimenti ta' politika dwar rimedju kollettiv speċifiku għall-antitrust. ([2]) Fl-2008, il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper dwar ir-rimedju kollettiv għall-konsumaturi. ([3]) Fl-2011 il-Kummissjoni għamlet konsultazzjoni pubblika "Lejn approċċ Ewropew aktar koerenti għar-rimedju kollettiv." ([4])

(4) Fit-2 ta' Frar 2012, il-Parlament Ewropew adotta r-riżoluzzjoni "Lejn Approċċ Ewropew Koerenti għar-Rimedju Kollettiv", li fiha appella biex kull proposta fil-qasam tar-rimedju kollettiv biex tieħu l-forma ta' qafas orizzontali inkluż sett ta' prinċipji komuni li jipprovdu aċċess uniformi għall-ġustizzja permezz tar-rimedju kollettiv fl-Unjoni u speċifikament iżda mhux esklużivament li jittrattaw mal-ksur tad-drittijiet tal-konsumatur. Il-Parlament enfasizza wkoll il-bżonn li jiġu kkunsidrati t-tradizzjonijiet legali u s-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri individwali u tittejjeb il-koordinazzjoni tal-prattiċi tajba bejn l-Istati Membri. ([5])

(5) Fil-11 ta' Ġunju 2013 il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni "Lejn Qafas Orizzontali Ewropew għar-Rimedju Kollettiv" ([6]), li tat rendikont tal-azzjonijiet sa issa u l-opinjonijiet tal-partijiet interessati u tal-Parlament Ewropew, u ppreżentat il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar xi kwistjonijiet ċentrali rigward ir-rimedju kollettiv.

(6) Il-prevenzjoni u l-penalizzazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem skont il-liġi tal-Unjoni huma kompiti fundamentali tal-infurzar pubbliku. Il-possibbiltà għal persuni privati biex jagħmlu talbiet ibbażati fuq ksur ta' tali drittijiet tissupplimenta l-infurzar pubbliku. Fejn din ir-Rakkomandazzjoni tirreferi għad-drittijiet ta' vjolazzjoni mogħtija skont il-Liġi tal-Unjoni, hija tkopri fejn il-ksur tar-regoli stabbiliti fil-livell tal-Unjoni kkawżaw jew x'aktarx li jikkawżaw preġudizzju lil persuni naturali u ġuridiċi.

(7) Fost dawk l-oqsma fejn l-infurzar privat supplimentari tad-drittijiet mogħtija mil-liġi tal-Unjoni fil-forma ta' rimedju kollettiv huwa siewi, hemm il-protezzjoni tal-konsumatur, il-kompetizzjoni, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni ta' dejta personali, il-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji u l-protezzjoni tal-investitur. Il-prinċipji stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni għandhom jiġu applikati b'mod orizzontali u ugwali f'dawk l-oqsma iżda wkoll f'kull qasam ieħor fejn it-talbiet kollettivi għal inġunzjonijiet jew danni fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni jkunu rilevanti.

(8) Azzjonijiet individwali, bħal pereżempju l-proċedura ta' talbiet żgħar għal każijiet tal-konsumaturi, huma għodod normali biex jiġi indirizzat tilwim għall-prevenzjoni ta' dannu kif ukoll biex jintalab kumpens.

([1]) COM(2005) 672, 19.12.2005.
([2]) COM(2008) 165, 2.4.2008.
([3]) COM(2008) 794, 27.11.2008.
([4]) COM(2010) 135 finali, 31.3.2010.
([5]) 2011/2089(INI))
([6]) COM(2013) 401 finali.

(9) Barra r-rimedju individwali, iddaħħlu tipi differenti ta' mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv mill-Istati Membri kollha. Dawn il-miżuri huma maħsuba biex jipprevjenu u jwaqqfu prattiċi illegali kif ukoll biex jiżguraw li l-kumpens jista' jinkiseb għad-detriment ikkawżat f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa. Il-possibbiltà li tingħaqad ma' talbiet u teżerċitahom b'mod kollettiv tista' tikkostitwixxi mezz aħjar ta' kif tieħu ġustizzja, b'mod partikolari meta l-prezz ta' azzjonijiet individwali jiskoraġġixxi l-individwi li sarilhom dannu milli jmorru l-qorti.

(10) L-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni hu li tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet ta' ksur ta' drittijiet skont il-liġi tal-Unjoni u għal dik il-fini tirrakkomanda li l-Istati Membri kollha jkollhom sistemi ta' rimedju kollettiv fuq livell nazzjonali li jsegwu l-istess prinċipji bażiċi fl-Unjoni kollha, li jikkunsidraw it-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri u jissalvagwardjaw kontra l-abbuż.

(11) Fil-qasam tar-rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill diġà adottaw id-Direttiva 2009/22/KE dwar ir-rimedji għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi. [1] Il-proċedura ta' rimedju mdaħħla b'din id-Direttiva madankollu ma tippermettix li dawk li jallegaw li ġarrbu dannu bħala riżultat ta' prattika illegali jieħdu kumpens.

(12) Proċeduri biex jinġiebu talbiet kollettivi għal rimedju kompensatorju ġew introdotti f'xi Stati Membri, u sa gradi differenti. Madankollu, il-proċeduri eżistenti biex iġibu talbiet għal rimedju kolletiv ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri.

(13) Din ir-Rakkomandazzjoni tressaq sett ta' prinċipji relatati kemm mar-rimedju kollettiv ġudizzjarju kif ukoll bonarju li jridu jkunu komuni madwar l-Unjoni, filwaqt li jirrispettaw it-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri. Dawn il-prinċipji għandhom jiżguraw li d-drittijiet proċedurali fundamentali tal-partijiet ikunu preservati u għandhom jipprevjenu l-abbuż permezz ta' salvagwardji xierqa.

(14) Din ir-Rakkomandazzjoni tindirizza kemm ir-rimedju kollettiv kompensatorju u – sakemm ikun xieraq u pertinenti għal prinċipji partikolari – ta' inġunzjoni. Din hi bla preġudizzju għall-mekkaniżmi settorjali eżistenti ta' rimedju ta' inġunzjoni stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni.

(15) Il-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv għandhom jippreservaw is-salvagwardji u l-garanziji proċedurali tal-partijiet għall-azzjonijiet ċivili. Biex jevitaw l-iżvilupp ta' kultura ta' litigazzjoni abużiva f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa, il-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv nazzjonali għandu jkollhom is-salvagwardji fundamentali identifikati fir-Rakkomandazzjoni. Elementi bħal pereżempju danni punittivi, proċeduri ta' identifikazzjoni intrużivi qabel il-proċess u d-deċiżjoni mill-ġurija, li ħafna minnhom huma estranji għat-tradizzjonijiet legali ta' ħafna Stati Membri, għandhom jiġu evitati bħala regola ġenerali.

(16) Proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim jistgħu jkunu mezz effiċjenti ta' kif jinkiseb rimedju f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa. Dawn għandhom ikunu dejjem disponibbli flimkien ma', jew bħala element voluntarju tar-rimedju ġudizzjarju kollettiv.

(17) Il-*locus standi* biex tinbeda azzjoni kollettiva fl-Istati Membri jiddependi fuq it-tip ta' mekkaniżmu għar-rimedju kollettiv. F'ċerti tipi ta' azzjonijiet kollettivi, bħal pereżempju azzjonijiet ta' gruppi fejn l-azzjoni tista' tittieħed b'mod konġunt minn dawk li jiddikjaraw li sofrew dannu, il-kwistjoni ta' *locus standi* hi aktar faċli milli fil-kuntest ta' azzjonijiet rappreżentattivi, fejn għalhekk, il-kwistjoni ta' *locus standi* għandha tkun iċċarata.

(18) Fil-każ ta' azzjoni rappreżentattiva, il-*locus standi* biex issir l-azzjoni rappreżentattiva għandha tkun limitata għal entitajiet ċertifikati *ad hoc,* entitajiet rappreżentattivi nnominati li jissoddisfaw ċerti kriterji stabbiliti bil-liġi jew għal awtoritajiet pubbliċi. L-entità rappreżentattiva għandha tkun mitluba tagħti prova tal-kapaċità finanzjarja u amministrattiva biex tkun kapaċi tirrappreżenta l-interessi tal-atturi b'mod xieraq.

(19) Id-disponibbiltà tal-iffinanzjar għal litigazzjoni għal rimedju kollettiv għandha tkun irranġata b'tali mod li ma tistax twassal għal abbuż mis-sistema jew kunflitt ta' interess.

(20) Biex jiġi evitat l-abbuż tas-sistema u fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, l-ebda azzjoni ġudizzjarja ta' rimedju kollettiv ma għandha tithalla titkompla sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà stabbiliti bil-liġi.

(21) Rwol ewlieni għandu jingħata lill-qrati biex iħarsu d-drittijiet u l-interessi tal-partijiet kollha involuti f'azzjonijiet ta' rimedju kollettiv kif ukoll fl-immaniġġar tal-azzjonijiet ta' rimedju kollettiv b'mod effettiv.

(22) Fl-oqsma tal-liġi fejn awtorità pubblika jkollha s-setgħa li tadotta deċiżjoni fejn issib li kien hemm ksur tal-liġi tal-Unjoni, huwa importanti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn id-deċiżjoni finali li tikkonċerna fik il-vjolazzjoni u r-riżultat tal-azzjoni ta' rimedju kollettiv. Barra minn hekk, fil-każ ta' azzjonijiet kollettivi wara deċiżjoni

[1] ĠU L 110, 1.5.2009, p. 30.

minn awtorità pubblika (azzjonijiet ta' segwitu), l-interess pubbliku u l-ħtieġa li jiġi evitat l-abbuż jistgħu jitqiesu li ġew ikkunsidrati diġà mill-awtorità pubblika fir-rigward tal-konstatazzjoni ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni.

(23) Fir-rigward tal-liġi ambjentali, din ir-Rakkomandazzjoni tikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 9(3), (4) u (5) tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għal Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għal Ġustizzja f'Materji Ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus") tan-NU/KEE, li rispettivament tinkoraġġixxi l-aċċess wiesa' għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, li tistabbilixxi kriterji li l-proċeduri għandhom jirrispettaw, inklużi kriterji li jkunu fil-ħin u mhux għoljin ħafna, u jindirizzaw informazzjoni lill-pubbliku u l-kunsiderazzjoni ta' mekkaniżmi ta' assistenza.

(24) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-pubblikazzjoni tagħha.

(25) L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Skont dan ir-rappurtaġġ, il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tivvaluta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri.

(26) Fi żmien erba' snin wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ikunx hemm bżonn azzjoni ulterjuri, inklużi miżuri leġiżlattivi, biex tassigura li l-objettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni jintlaħqu kollha. Il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tivvaluta l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u l-impatt tagħha għall-aċċess għall-ġustizzja, fuq id-dritt biex jinkiseb kumpens, fuq il-bżonn li tiġi evitata litigazzjoni abużiva u fuq il-funzjonament tas-suq uniku, l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u l-fiduċja tal-konsumatur.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

## I. GĦAN U SUĠĠETT

1. L-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni hu li tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, twaqqaf prattiċi illegali u tippermetti lill-partijiet li jkunu sofrew dannu jiksbu kumpens f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa kkawżati minn ksur tad-drittijiet mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni, filwaqt li tassigura li jkun hemm salvagwardji proċedurali xierqa biex tiġi evitata litigazzjoni abbużiva.

2. L-Istati Membri kollha għandu jkollhom mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv fil-livell nazzjonali kemm għar-rimedju ta' inġunzjoni kif ukoll kumpensatorju, li jirrispettaw il-prinċipji bażiċi stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni. Dawn il-prinċipji għandhom ikunu komuni fl-Unjoni kollha, waqt li jirrispettaw it-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rimedju kollettiv ikunu ġusti, ekwi, fil-ħin u ma jiswewx wisq.

## II. DEFINIZZJONIJIET U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

3. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

(a) "rimedju kollettiv" tfisser (i) mekkaniżmu legali li jiżgura l-possibbiltà biex jintalab waqfien ta' mġiba illegali minn żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew iktar jew minn entità rappreżentattiva (rimedju kollettiv ta' inġunzjoni); (ii) mekkaniżmu legali li jiżgura possibilità ta' talba ta' kumpens kollettiv minn żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew iktar li jsostnu li sofrew danni f'sitwazzjoni ta' dannu tal-massa jew minn entità biex iressqu azzjoni rappreżentattiva (rimedju kollettiv kompensatorju);

(b) "sitwazzjoni ta' dannu tal-massa" tfisser sitwazzjoni fejn żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew iktar jiddikjaraw li sofrew ħsara li tkun ġejja mill-istess attività illegali ta' persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi;

(c) "azzjoni għad-danni" tfisser azzjoni li biha talba għad-danni tinġieb quddiem qorti nazzjonali;

(d) "azzjoni rappreżentattiva" tfisser azzjoni li ssir minn entità rappreżentattiva, entità ċċertifikata *ad hoc* jew awtorità pubblika għan-nom ta' żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew iktar li jiddikjaraw li huma esposti għar-riskju li jsofru dannu jew li sofrew dannu f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa filwaqt li dawk il-persuni mhumiex parti mill-proċedimenti;

(e) "azzjoni ta' segwitu kollettiva" tfisser azzjoni ta' rimedju kollettiv li ssir wara li awtorità pubblika tkun adottat deċiżjoni finali li kien hemm ksur tal-liġi tal-Unjoni;

Din ir-Rakkomandazzjoni tidentifika prinċipji komuni li għandhom japplikaw fil-każijiet kollha ta' rimedju kollettiv, u anki dawk speċifiċi jew għal rimedju kollettiv ta' inġunzjoni jew kumpensatorju.

## III. PRINĊIPJI KOMUNI GĦAL RIMEDJU KOLLETTIV TA' INĠUNZJONI JEW KUMPENSATORJU

### Locus standi biex tinġieb azzjoni rappreżentattiva

4. L-Istati Membri għandhom jinnominaw entitajiet rappreżentattivi biex iressqu azzjonijiet rappreżentattivi skont il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ddefiniti b'mod ċar. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jinkludu tal-inqas dawn ir-rekwiżiti:

(a) l-entità għandha tkun mingħajr skop ta' qligħ;

(b) għandu jkun hemm relazzjoni diretta bejn l-objettivi ewlenin tal-entità u d-drittijiet mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni li allegatament ġew miksura u li l-azzjoni tkun saret dwarhom; u

(c) l-entità għandu jkollha kapaċità biżżejjed f'termini ta' riżorsi finanzjarji, riżorsi umani u kompetenza legali, biex tirrappreżenta diversi atturi u taġixxi fl-aħjar interess tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entità nnominata titlef l-istatus tagħha jekk kundizzjoni waħda jew aktar ma jibqgħux ikunu sodisfatti.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet rappreżentattivi jistgħu jsiru biss minn entitajiet li ġew uffiċjalment innominati minn qabel kif rakkomandat fil-punt 4 jew minn entitajiet li ġew iċċertifikati fuq bażi *ad hoc* minn awtoritajiet nazzjonali jew qrati ta' Stat Membru għal azzjoni rappreżentattiva partikolari.

7. Barra minn hekk, jew bħala alternattiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet pubbliċi biex iressqu azzjonijiet rappreżentattivi.

**Ammissibbiltà**

8. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal verifika fl-iktar stadju bikri possibbli tal-litigazzjoni biex każijiet li fihom il-kundizzjonijiet għal azzjonijiet kollettivi ma jintlaħqux, u każijiet manifestament bla bażi, ma jitkomplewx.

9. Għal din il-fini, il-qrati għandhom iwettqu l-eżami tal-mozzjoni tagħhom stess.

**Informazzjoni u azzjoni ta' rimedju kollettiv**

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun possibbli għal entità rappreżentattiva jew għall-grupp ta' atturi biex ixerrdu informazzjoni dwar l-allegat ksur ta' drittijiet mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni u l-intenzjoni tagħhom li jieħdu azzjoni għad-danni fil-forma ta' rimedju kollettiv. Għandhom jiġu żgurati l-istess possibilitajiet għal entità rappreżentattiva, entità ċċertifikata, awtorità pubblika jew għal grupp ta' atturi, fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-azzjonijiet kumpensatorji li għaddejjin.

11. Il-metodi ta' tixrid għandhom jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi partikolari tas-sitwazzjoni ta' dannu tal-massa konċernata, il-libertà tal-espressjoni, u d-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni jew il-valur tal-kumpanija tal-konvenut qabel ma tiġi stabbilita r-responsabbiltà tagħha għall-allegat ksur jew dannu mis-sentenza finali tal-qorti.

12. Il-metodi ta' tixrid huma bla preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq.

**Rimborż tal-ispejjeż legali u l-parti rebbieħa**

13. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parti li titlef azzjoni ta' rimedju kollettiv, tirrimborża l-ispejjeż legali neċessarji li kienet għamlet il-parti rebbieħa skont il-liġi nazzjonali rilevanti ("il-prinċipju ta' min jitlef iħallas").

**Finanzjament**

14. Il-parti attriċi għandha tintalab tiddikjara lill-qorti mill-bidu tal-kawża, l-oriġini tal-fondi li se tuża biex issostni l-azzjoni legali.

15. Il-qorti għandha titħalla tissospendi l-proċeduri jekk f'każ ta' użu ta' riżorsi finanzjarji pprovduti minn terza persuna,

(a) ikun hemm kunflitt ta' interess bejn it-terza persuna u l-parti attriċi u l-membri tagħha;

(b) it-terza persuna ma għandhiex biżżejjed riżorsi biex tħallas għall-impenji finanzjarji tagħha lejn il-parti attriċi li tkun qiegħda tressaq il-proċedura ta' rimedju kollettiv;

(c) il-parti attriċi ma għandhiex biżżejjed riżorsi biex tħallas għall-ispejjez tal-parti l-oħra jekk il-proċeduri ta' rimedju kollettiv ma jirnexxux.

16. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'każijiet fejn azzjoni għal rimedju kollettiv tkun iffinanzjata minn terza persuna privata, hu projbit għat-terza persuna privata:

(a) li tfittex li tinfluwenza deċiżjonijiet proċedurali tal-parti attriċi, inkluż fuq pagamenti;

(b) li tipprovdi finanzjament għal azzjoni kollettiva kontra konvenut li hu kompetitur ta' min jipprovdi l-fondi jew kontra konvenut li fuqu jiddependi min jipprovdi l-fondi;

(c) li jżomm interessi eċċessivi fuq il-fondi pprovduti.

**Kawżi transfruntieri**

17. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn tilwima tirrigwarda persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn diversi Stati Membri, ma tiġix preklużа azzjoni kollettiva singola f'forum waħdieni mir-regoli nazzjonali fuq l-ammissibbiltà jew *locus standi* tal-gruppi ta' atturi barranin jew l-entitajiet rappreżentattivi li joriġinaw minn sistemi legali nazzjonali oħrajn.

18. Kull entità rappreżentattiva li tkun ġiet innominata b'mod uffiċjali minn qabel minn Stat Membru biex ikollha *locus standi* biex tressaq azzjonijiet rappreżentattivi għandhom ikunu awtorizzati li jirrikorru quddiem il-qorti fl-Istat Membru li jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tikkunsidra s-sitwazzjoni ta' dannu tal-massa.

## IV. PRINĊIPJI SPEĊIFIĊI RELATATI MAR-RIMEDJU KOLLETTIV TA' INĠUNZJONI

### Proċeduri mgħaġġla għal talbiet għal ordnijiet ta' inġunzjoni

19. Il-qrati u l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti għandhom jittrattaw it-talbiet għal ordnijiet ta' inġunzjoni li jirrikjedu l-waqfien jew il-projbizzjoni ta' ksur ta' drittijiet mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni bl-aktar ħeffa, fejn xieraq permezz ta' proċeduri sommarji, biex jiġi evitat kull dannu jew dannu ulterjuri li jikkawża ħsara minħabba dan il-ksur.

### Infurzar effiċjenti tal-ordinijiet ta' inġunzjoni

20. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sanzjonijiet xierqa kontra l-konvenut tellief bi ħsieb li tiġi żgurata l-konformità effikaċi mal-ordni ta' inġunzjoni, inkluż il-pagament ta' ammont fiss għal kull ġurnata dewmien jew kull ammont stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

## V. PRINĊIPJI SPEĊIFIĊI RELATATI MAR-RIMEDJU KOLLETTIV KUMPENSATORJU

### Kostituzzjoni tal-parti attriċi bil-prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva"

21. Il-parti attriċi għandha tkun iffurmata bil-kunsens espliċitu tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jiddikjaraw li sofrew dannu (prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva"). Kull eċċezzjoni għal dan il-prinċipju, b'liġi jew b'ordni tal-qorti, għandha tkun debitament iġġustifikata b'raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

22. Membru tal-parti attriċi għandu jkun liberu li jitlaq mill-parti attriċi fi kwalunkwe ħin qabel ma tingħata s-sentenza finali jew qabel ma l-każ jiġi deċiż b'mod validu, bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-azzjonijiet individwali, mingħajr ma jkun imċaħħad mill-possibbiltà li jressaq it-talbiet tiegħu f'forma oħra, jekk dan ma jippreġudikax l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

23. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jiddikjaraw li sofrew fl-istess sitwazzjoni ta' dannu tal-massa għandhom ikunu jistgħu jingħaqdu mal-parti attriċi fi kwalunkwe ħin qabel ma tingħata s-sentenza jew qabel ma l-każ jiġi deċiż b'mod validu, jekk dan ma jippreġudikax l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

24. Il-konvenut għandu jkun infurmat dwar il-kompożizzjoni tal-parti attriċi u dwar xi bidliet fiha.

### Soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwima u ftehim bonarju

25. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet f'tilwima f'sitwazzjoni ta' dannu tal-massa jkunu mħeġġa jsolvu t-tilwima dwar kumpens bi ftehim bonarju, kemm fl-istadju qabel il-kawża kif ukoll waqt il-kawża ċivili, waqt li jikkunsidraw ukoll ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali ([1]).

26. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mezzi ġudizzjarji ta' rimedju kollettiv ikunu akkumpanjati minn mezzi xierqa ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim disponibbli għall-partijiet kollha qabel u matul il-litigazzjoni. L-użu ta' tali mezzi għandu jiddependi fuq il-kunsens tal-partijiet involuti fil-kawża.

27. Kull perjodu ta' limitazzjoni applikabbli għat-talbiet għandu jkun sospiż mill-mument li l-partijiet jaqblu li jagħmlu tentattiv biex isolvu tilwima permezz ta' proċedura alternattiva ta' soluzzjoni għat-tilwim, tal-inqas sal-mument fejn parti waħda jew iż-żewġ partijiet espressament jirtiraw minn dik il-proċedura alternattiva ta' soluzzjoni għat-tilwim.

28. Il-legalità tar-riżultat vinkolanti ta' ħlas kollettiv għandu jkun ivverifikat mill-qrati waqt li jikkunsidraw il-protezzjoni xierqa tal-interessi u d-drittijiet tal-partijiet involuti kollha.

### Rappreżentanza legali u l-ħlasijiet tal-avukati

29. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rimunerazzjoni tal-avukati u l-metodu li biha tiġi kkalkulata ma joħolqux xi inċentiv għal-litigazzjoni li ma tkunx neċessarja mil-lat tal-interess ta' kwalunkwe parti.

30. L-Istati Membri ma għandhomx jippermettu ħlasijiet ta' kontinġenza li jirriskjaw li joħolqu inċentiv bħal dan. L-Istati Membri li eċċezzjonalment jippermettu ħlasijiet ta' kontinġenza għandhom jipprovdu għal regolamentazzjoni nazzjonali xierqa ta' dawk il-ħlasijiet f'każijiet ta' rimedju kollettiv, waqt li jikkunsidraw b'mod partikolari d-dritt għal kumpens sħiħ tal-membri tal-parti attriċi.

### Projbizzjoni ta' danni punittivi

31. Il-kumpens mogħti lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li sofrew dannu f'sitwazzjoni ta' dannu tal-massa ma għandux jaqbeż il-kumpens li li kien jingħata li kieku t-talba saret permezz

([1]) ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3.

ta' azzjonijiet individwali. B'mod partikolari, danni punittivi, li jwasslu għal kumpens żejjed lill-parti attriċi tad-dannu li jkun sar, għandhom ikunu pprojbiti.

**Finanzjament ta' rimedju kollettiv kumpensatorju**

32. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mal-prinċipji ġenerali tal-finanzjament, għal każijiet ta' finanzjament ta' rimedju kollettiv kumpensatorju minn terza persuna privata, ikun ipprojbit li r-rimunerazzjoni mogħtija lill-fornitur tal-fond, jew interessi mitluba minnu jkunu bbażati fuq l-ammont ta' ħlas maqbul jew il-kumpens mogħti sakemm dak il-finanzjament ikun regolat minn awtorità pubblika biex jiġu żgurati l-interessi tal-partijiet.

**Azzjonijiet ta' segwitu kollettivi**

33. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-oqsma kollha tal-liġi fejn awtorità pubblika tingħata s-setgħa tadotta deċiżjoni li kien hemm ksur ta' liġi tal-Unjoni, l-azzjonijiet ta' rimedju kollettiv, bħala regola ġenerali, għandhom jibdew biss wara li kull proċediment tal-awtorità pubblika li jkun inbeda qabel il-bidu tal-azzjoni privata jkun ġie konkluż b'mod definit. Jekk il-proċedimenti tal-awtorità pubblika jibdew wara l-bidu tal-azzjoni ta' rimedju kollettiv, il-qorti għandha tevita li tagħti deċiżjoni li tmur kontra deċiżjoni kkontemplata mill-awtorità pubblika. Għal dak il-għan, il-qorti tista' twaqqaf l-azzjoni ta' rimedju kollettiv sakemm ikunu ġew konklużi l-proċedimenti tal-awtorità pubblika.

34. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' azzjonijiet ta' segwitu, il-persuni li jiddikjaraw li jkunu sofrew dannu ma jkunux preklużi milli jitolbu kumpens minħabba l-iskadenza ta' perjodi ta' limitazzjoni jew preskrizzjoni qabel il-konklużjoni definittiva tal-proċedimenti mill-awtorità pubblika.

## VI. INFORMAZZJONI ĠENERALI

**Reġistru ta' azzjonijiet ta' rimedju kollettiv**

35. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru nazzjonali ta' azzjonijiet ta' rimedju kollettiv.

36. Ir-reġistru nazzjonali għandu jkun disponibbli bla ħlas għal kull parti interessata permezz ta' mezzi elettroniċi jew oħrajn. Websajts li jippubblikaw ir-reġistri għandhom jipprovdu aċċess għal informazzjoni komprensiva u oġġettiva dwar il-metodi disponibbli biex jinkiseb kumpens, inklużi metodi bonarji.

37. L-Istati Membri, assistiti mill-Kummissjoni, għandhom jipprovaw jiżguraw koerenza tal-informazzjoni miġbura fir-reġistri u l-interoperabilità tagħhom.

## VII. SUPERVIŻJONI U RAPPORTAĠĠ

38. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-prinċipji stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni f'sistemi ta' rimedju kollettiv nazzjonali sa mhux iktar tard mis-26 ta' Lulju 2015.

39. L-Istati Membri għandhom jiġbru statistika annwali affidabbli dwar l-għadd ta' proċeduri ta' rimedju kollettiv bonarji u ġudizzjarji u informazzjoni dwar il-partijiet, il-materja tas-suġġett u r-riżultat tal-każijiet.

40. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni miġbura skont il-punt 39 lill-Kummissjoni fuq bażi annwali u għall-ewwel darba sa mhux aktar tard mis-26 ta' Lulju 2016.

41. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni skont il-bażi ta' esperjenza prattika sa mhux iktar tard mis-26 ta' Lulju 2017. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tivvaluta l-impatt tagħha fuq l-aċċess għall-ġustizzja, fuq id-dritt biex jinkiseb kumpens, fuq il-ħtieġa li tiġi evitata litigazzjoni abużiva u fuq il-funzjonament tas-suq uniku, il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u l-fiduċja tal-konsumatur. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll jekk għandhomx jiġu proposti miżuri ulterjuri biex jiġi kkonsolidat u msaħħaħ l-approċċ orizzontali rifless fir-Rakkomandazzjoni.

**Dispożiżżjonijiet finali**

42. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO